MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Numru. 189/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Francis Buttigieg bin John Buttigieg u Carmela nee' Rapa,**
**imwieled fis-7 ta' Novembru, 1953 u residenti Honey Comb,**
**Triq in-Nadur, Qala, Ghawdex, detentur**
**tal-karta tal-identita' numru 66353(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Francis Buttigieg li gie akkuzat talli nhar it-28 ta' Frar, 2008 ghal habta ta' 17:00hrs fi Triq in-Nadur, Qala:

1) verbalment ingurja lil Mikelina Xuereb;
2) bhala persuna li fuq ismu ghandu il-licenzja ta' kelb tal-fenek ta' kulur kannella, naqas li jzomm da il-kelb fit-triq b'cinga (A.L. 242 tal-2000 Art 3(1) );
3) talli wkoll fl-istess hin u lok naqas li jzomm l-imsemmi kelb meta kien qed idejjaq lill-minuri Mehetabel Xuereb (Art 339 (1)(g) Kap 9);
4) aktar talli fl-istess data zamm kelb minghajr licenzja u dan bi ksur tal-Art 3(1) Tal-kap 312 (Att dwar il-klieb)
5) talli wkoll fl-istess hin u lok volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati 242 ta' l-Avviz Legali 2000 Art 3(1);

Semghet l-ammissjoni tat-tieni (2) u r-raba' (4) akkuza;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum 6 ta' Mejju, 2008, fejn l-imputat obbiga ruhu minghajr ammissjoni ta' htija sabiex ma jdejjaqx jew jimmolesta lill-kwerelanta Mikelina Xuereb kif ukoll jara li huwa jzomm l-istess kelb taht il-kontroll tieghu b'tali mod li huwa ma jdejjaqx lil terzi;

Fid-dawl ta' dan il-verbal tiddikjara l-procediment ezawrit fil-konfront ta' l-ewwel (1) akkuza u tilliberah mit-tielet (3) akkuza u l-hames (5) akkuza;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tat-tieni (2) u r-raba' (4) akkuza u tikkundannah ghall-ammenda ta' tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) fir-rigward tat-tieni (2) akkuza u ghall-ammenda ta' ta' hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) fir-rigward tar-raba (4) akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------